

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 198/2013

tat-8 ta' Novembru 2013

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

L-inċiż li ġej jiżdied mal-punt 9 (ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu XXVII tal-Anness II mal-Ftehim ŻEE:

Billi:

“— **32012 R 0164**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 164/2012 tal-24 ta' Frar 2012 (ĠU L 53, 25.2.2012, p. 1).”

Artikolu 2

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 164/2012 tal-24 ta' Frar 2012 li jemenda l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituw (¹) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 164/2012 bil-lingwa Islandiża u b'dik Norveġiża, li jridu jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

- (2) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna l-leġiżlazzjoni dwar ix-xorb spirituw. Il-leġiżlazzjoni li tikkonċerna x-xorb spirituw ma tapplikax għal-Liechtenstein sakemm l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli hija estiża għal-Liechtenstein, kif inhu speċifikat fl-introduzzjoni għall-Kapitolu XXVII tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għal-Liechtenstein.

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-9 ta' Novembru 2013, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

- (3) L-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2013.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Thórir IBSEN

(¹) ĠU L 53, 25.2.2012, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżit kostituzzjonali ma huwa indikat.